Epitaffju Għal Ruħ Tajba

F'dil-ħamrija jinsab fdal il-għadam
ta' min xtaq tassew, iżda le miet,
għaliex ħsiebu kien jimraħ fil-ħajja
li issa qed igawdi fis-smewwiet.

Lill-Għażżien

Fil-kliem għal kollox tajjeb,
fix-xogħol, xejn ma jinqala'.

---

## ĠIBTLEK BUKKETT ĠILJU

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

Għaliex naf li tħobb il-ġilju
U li wisq titgħaxxaq bih
Ġibtlek ħodon mill-ġnien tiegħi
Għażilthulek hekk sabiħ.

Jien baqqejtu u saqqejtu,
U minn qalbi nagħtihulek
Rahan ta' għożża u ta' qima
Hekk sabiħ kif rabbejthulek.

Dan il-ġilju mela hu tiegħek
Ifraħ bih u ndukraħ sewwa
La tħallihx jidbiel bla ilma
Biex fih tibqa' ssib il-ħlewwa.

Fwieħa u bjuda, xbieħa safja,
Din hi surtek fil-moħħ tiegħi.
Jien irrid li matul ħajti
Inti timxi id f'id miegħi.

Ma' dal-ġilju jiena tajtek
L-aqwa għana ta' żgħużiti
Tajtek qalbi, tajtek ruħi
Tjassart miegħek sa xjuħiti.

Qormi — 1963.



## XI INNIJIET TA' DUN KARM

*Ta'* PAWLU CARUANA, B.A.

Ir-raħal li tana lil Mikiel Anton Vassalli, missier l-Ilsien Malti, jiftaħar ukoll b'ieħor minn uliedu, Dun Karm Psaila, missier il-poeżija Maltija.

Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871. Ta' 13-il sena daħal is-Seminarju ta' l-Imdina u disa' snin wara ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Mejju 1894. Is-sena ta' wara, laħaq surmast is-Seminarju tal-Furjana, fejn għal madwar 26 sena għallem suġġetti diversi fosthom il-Latin, it-Taljan, l-Ingliż, l-Aritmetka, l-Istorja tal-Knisja u l-Arkeoloġija. Fil-31 ta' Mejju 1921 ġie magħżul assistent Direttur tal-Bibljoteka Pubblika u sentejn wara eżaminatur tat-Taljan fl-Università Rjali. B'xhieda tal-ħidma tiegħu fil-kamp lette-rarju, fl-1 ta' Ottubru 1945 ġie onorat mill-istess Università bl-ewwel dottorat tal-letteratura (Hon. Causa) u għall-mertu tax-xogħol tiegħu fil-qasam reliġjuż ġie nominat Monsinjur Onorarju.

Xejn inqas ħabrieka ma kienet il-karriera letterarja tiegħu. Fl-ewwel taqsima tagħha, Dun Karm kien mitfugħ biss fuq il-kitba tal-poeżija bit-Taljan. Dan ma jfissirx li ma kienx igħożż ilsien art twelidu, għax hu stess jistqarr l-imħabba li dejjem kellu lejh; imma mtella' kif kien fl-atmosfera letterarja u kulturali ta' żmienu kien għadu ma għarafx xi frott jista' jrodd f'idejn imgħallem tajjeb. Fl-1896 meta kellu biss 25 sena, stampa ktieb ta' poeżiji bit-Taljan, "Foglie d'Alloro", li jurina kemm Dun Karm kien tassew ġenwin u kif irnexxielu jaħkem hekk tajjeb mhux biss il-forma esterna imma wkoll ir-ruħ tal-lingwa Taljana. Huwa ssokta jippubblika poeżiji oħra f'rivisti Maltin u Taljani, fosthom "La Palestra del Seminario", "Malta Letteraria", "La Diocesi", "L'Amico dei Giovani" u oħrajn. Fost il-poeżiji bit-Taljan li jistħoqqilhom tifħir għan-naturalezza ta' l-ispirazzjoni, għar-rikkezza fl-istil, u għas-sengħa fit-teknika huma "Cristo", "Viticoltura", "L'Alpinista", "Agricoltura", "Risveglio", "T'Adoriam Ostia Divina" u "A Maria Immacolata". Dun Karm qala' wkoll it-tifħir ta' kittieba Maltin u Taljani, fosthom l-Avukat Giovanni Curmi, Oreste Ferdinando Tencaioli, Giovanni Eliseo del Ricco, Ettore Rossi, Mons. Ariste, Isqof ta' Arcireale, u ta' Mons. Bignami, Isqof ta' Sirakuża li sejjaħ lil Dun Karm "Lo Zanella Maltese".

Jekk Dun Karm kiseb post minn ta' quddiem fl-istorja tal-poeżija Taljana f'Malta, ġieh isbaħ u ogħna jistħoqqlu fil-poeżija Maltija. Bir-raġun kollu nsejħulu Missier il-poeżija Maltija u l-poeta Nazzjo-